# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Disa' Legislatura

### *Laqgħa numru 25*

***5.30p.m 09 ta' Frar 2021***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *25.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

25.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

## *25.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

25.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 24. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

25.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzoppardi fakkar lill-Kunsilliera sabiex jibgħatu l-artikli sa mhux aktar tard mill-15 ta' Frar sabiex possibilment lejn l-aħħar tax-xhar ta' marzu u bidu t'April ikun lest l-ewwel volum tal-magazine tal-lokal. Apparti hekk is-Sindku qal lil dawk preżenti li C&F Contractors accettaw li jitnaqsilhom l-ammont ta' madwar €8,000 f'xogħol ħażin li sar u għalhekk il-ħlas dovut mill-Kunsill huwa ta' €16,651.55.

## *25.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

25.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li filwaqt li qed ikun hemm sorveljanza tajba mill-Pulizija xorta waħda qed ikun hemm street hawker li fuq loading/unloading bay qed iniżżel il-gass bil-cooker u jimblokka l-bankina. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rrimarka li dan qed jagħmel hekk mingħajr permessi mill-Kunsill u fil-fatt nhar il-Ħadd, il-Pulizija ġew infurmati u ġiegħeluħ.

25.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer xtaq iżid fuq dak li qed jgħid is-Sur Scerri, hekk kif fi Triq Zerafa u fi Triq il-Marsa ikun hemm xi ħadd li qed jimblokka l-bankina bl-affarijiet tal-ħaxix bil-konsegwenza li ħadd ma jkun jista' jgħaddi min fuq il-bankina. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li din il-ħaġa saret komuni sfortunatament, u kull każ li jidħol l-Kunsill ser ikun qed jiġi rrapurtat lill-Lesa.

25.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li hemm mobile dental unit li qed jdur mall-lokalitajiet u dawn għandhom interess li jiġu l-Marsa wkoll għax-xahar id-dieħel. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jekk il-Kunsill ikollu d-dettalji kollha nkunu nistgħu mmexxu fuqhom.

25.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li jixtieq li jkun hemm item ix-xahar id-dieħel dwar it-tisqif ta' Diċembru Tlettax. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa infurmat li fil-bidu ta' Marzu ser ikun hemm xi diskussjonijiet dwar dan minħabba li l-proġett tal-Slow Streets qiegħed fi stadju avvanzat u ser ikellem il-Kunsill iktar il-quddiem.

25.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono jixtieq jiġbed għall-attenzjoni tal-Kunsill li minkejja li twaħħla l-kameras fi Triq Saura xorta waħda qed jitħalla ħafna rimi ta' skart goff u domestiku fuq il-post jumejn fuq xulxin. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa minnu li filwaqt li f'ċertu postijiet il-kameras ħallew impatt pożittiv fl-indafa, postijiet oħra bħal fi triq Sawra dan ma seħħx, peres li huwa diffiċli li tgħaddi ċitazzjoniet fuq kamera meta ma jkunx hemm number plate ta' karozza. Madankollu, l-kameras għamlu d-differenza anke fix-xogħol tal-Pulizija minħabba ċirkostanzi ta' serq.

25.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono tkellem dwar l-użu tas-sala tal-Kunsill għall-entitajiet bħall tas-Servizzi Soċjali li jagħmlu użu tas-sala mingħajr ma titħallas xi forma ta' kera' b'agreement mall-Kunsill. Dan hija prassi li ssiba f'diversi Kunsilli Lokali oħra fejn il-labour office jopera min hemm. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jixtieq jivverifika jekk verament isir hekk sabiex jekk dan huwa minnu l-Kunsill ikun jista' jaġġixxi aħjar fil-futur.

25.4.7. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono staqsa dwar il-possibilita' li l-kanun li hemm f'Triq Qormi jitressaq fejn il-funtana u jizdiedu s-siġar min Transport Malta. Kien hemm diskussjoni dwar dan. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issuġġerixxa li l-kanun jiġi attrezzat bid-dawl. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li wieħed jista' jressaq din il-proposta ma Transport Malta.

25.4.8. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li dalgħodu xi ħadd tella' fuq is-sit soċjali facebook duħħan fuq il-biċċerija. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jekk l-individiwu għandhu dawn id-dettalji jistgħa jgħaddihom il-Kunsill sabiex ngħaddu ir-rapporti li kemm-il darba għaddejna.

25.4.9. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jixtieq li l-Kunsill jitlob laqgħa mall-Onorevoli Carmelo Abela, li f'idejħ għandhu t-twettieq tal-Programm Elettorali. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li qabel din il-laqgħa jixtieq li ssir il-laqgħa mall-Onorevoli Miriam Dalli dwar il-kwistjoni ta' Triq is-Sajjieda. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri kkonferma li fil-Manifest Elettorali tas-sena 2015 f'paġna 128 hemm imniżżel ċar li l-Gvern ser ikun kommess li jsewwi l-ħsara li hemm fi Triq is-Sajjieda.

25.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm mutur fi Pjazza G.F Abela li tneħħewlu l-pjanċi iżda dan għadu hemm. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed jinforma lill-Lesa jew il-Pulizija dwar dan.

25.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li fi Triq il-Jum tressqu l-iskips u taħthom issa tnaddaf u għalhekk dawn jistgħu jerġaw jersqu lura. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser jinfurma l-Greenpak.

25.4.12 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li hemm bżonn li jiżdied id-dawl min Triq Feliċjan Bilocca li jagħti li jagħti għal Diċmebru Tlettax. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-post imsemmi kien wieħed min dawk li semma' fil-laqgħa li kellu mall-Pulizija u li iva d-dawl jistgħa jtaffi min din il-problema.

25.4.13 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer semma li xtaq li titpoġġa kopja eżatta tal-bust ta' Patri Feliċjan Bilocca biex jikkommemmora ħidmietu għat-twaqqif tal-Paroċċa ta' Marija Reġina. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopari rrimarka li ma jaqbilx li jkun hemm żewġ busti totalment l-istess. Madankollu jaqbel li ikun hemm xi plakka/monument li jfakkar din il-persuna fil-lokalita'.

25.4.14 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li is-Sinjura Jennifer Cardona, li tagħmel courses ta' exercizzju tixtieq tuża l-ground tal-Kunsill, u xtaqet issaqsi jekk dan jistgħax isir. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul dawn l-aħħar gimgħat kienu qed jinqalaw diversi problemi fuq min jrid juża' l-ground hekk kif iċ-ċavetta qegħda għand tlett entitajiet. Il-Kunsillier Spencer qal li peress li l-ground huwa tal-Kunsill iċ-ċwievet għandhom jinġabru kollha, jinbidlu l-locks u ssir laqgħa għal kull min għandhu interess juża' l-ground. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma din il-proposta sabiex l-Kunsill juri biċ-ċar min huwa l-owner tal-ground u li jrid jintuża' għall-ġid tar-residenti kollha.

## *25.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

24.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 02/2021 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti..

## *25.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

25.6.1. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Marsa Scouts Group qed jitolbu sabiex jabel jiġu ffinalizzati l-pjanijiet tal-proġett issir laqgħa t'informazzjoni ma dawk involuti sabiex il-ġnien iservi aħjar l-komunita'. Is-Sindku sostna li atwalment il-proġett huwa wieqaf minħabba nuqqas ta' fondi u li ser ikomplu d-diskussjonijiet sabiex naraw min fejn jistgħu jiġu l-fondi.

25.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li Marsa Pagaent Group din is-sena mhux ser torganizza il-pagaent u minflok ser issir wirja artistika fis-sala parrokjali. Huma qed jitolbu jekk il-Kunsill huwiex interessat li jirreklama fuq il-ktieb għall-prezz ta' €300. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

25.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Marsa Pagaent Group qed titlob ukoll li ssir laqgħa mas-Sindku sabiex il-bust jiġi nnawgurat nhar il-11 t'April 2021. Is-Sindku ser jgħaddi l-informazzjoni lill-Kunsill aktar il-quddiem.

25.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikollu bzonn imexxi fuq kwotazzjoni mill-kumpanija AME li kienu ħadu ħsieb il-Heath and Safety report tal-Kunsill. Il-prezz ta' din il-kwotazzjoni hija ta' €350. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *25.7 Pulizija tal-Komunita' ser ikunu qed jkellmu l-Kunsill*

25.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab li tiġi sospiża l-laqgħa.

25.7.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk jixtieqx li l-Pulizija tal-Komunita' jużaw il-bini tal-Kunsill u li dawk ikollhom kamra adegwata li tkun tista' tissakkar. Apparti hekk il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk il-Pulizija jistgħux ikollhom aċċess għall-bini tal-Kunsill erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. Wara diskussjoni fost dawn preżenti kien hemm qbil li l-Kunsill jintuża mill-Pulizija tal-Komunita' sabiex iwettqu x-xogħol tagħhom għall-ġid tar-residenti. Is-Sindku qal li sadanittant huwa ser ikun qed jiltaqgħa mall-Ispettur sabiex jaraw jekk dak li lest joffri l-Kunsill jilħaqx il-bżonnijiet imsemmija. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *25.8 Skema għall-Attivitajiet Kulturali 2021*

25.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħareġ skema ġdida li fiha l-Kunsilli Lokali jistgħu japplikaw bħala għajnuna finanzjarja għall-attivitajiet li jorganizzaw lir-residenti rispettivi tagħhom. Is-Sindku qal li huwa qed jissuġġerixxi li l-Kunsill japplika għal-attivitajiet relatati mall-Milied. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li min ikollu proposti jista' jressaqhom qabel sabiex jiġu nklużi mall-iskema. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *25.9 Ħruġ għat-Tender tal-Latrini Pubbliċi*

25.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li wara diversi xhur il-Kunsill irċieva sabiex il-Kunsill jirċievi tweġiba mid-dipartiment tal-Gvern Lokali jidher li l-Kunsill jkun jistaż joħroġ sejħa għall-impjieg għall-latrini pubbliċi. Madankollu, dan ma jkunx fl-interess tal-Kunsill u l-aħjar li joħroġ tender bħalma dejjem sar. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *25.10 Laqgħa mall-Onorevoli Miriam Dalli*

25.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill huwa mistenni fil-gimgħat li ġejjin li jkollu laqgħa mall-Onorevoli Miriam Dalli. Għaldaqstant huwa xtaq jelenka l-affarijiet li l-Kunsill huwa mistenni jressaq għad-diskussjoni fosthom fuq Projects Malta u jekk hemm xi pjanijiet għar-riġenerazzjoni tal-Menqa, l-kwistjoni tal-ilma ta' Triq is-Sajjieda, l-Belveder u dwar it-Tug Malta. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu oġġezjonijiet il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *25.11 Evalwazzjoni tal-Espressjoni t'Interess għall-Raħal Kulturali 2022*

25.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekkuttiv iressaq id-dettalji tal-applikanti li wrew interess biex il-Kunsill Lokali tal-Marsa japplika għall-Belt jew Raħal Kulturali 2022. Il-kumpaniji/ persuni li applikaw kienu s-Sur Mario Camilleri, s-Sur James Shawn u l-kumpanija TEC Malta. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ntgħażlet il-kumpanija TEC Malta. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *25.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

25.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.20pm u ġiet aġġornata għad-10 ta' Marzu fit-5.30pm online kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv